# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Gunju 2016**

**Kawza Numru : 14**
**Rikors Guramentat Numru : 1023/2015/LSO**

**Dr Philip Manduca bhala mandatarju ta' Malin Kingchatchavarn sive Orarin Falzon Sant Manduca**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Dr Philip Manduca bhala mandatarju ta’ Orarin Falzon Sant Manduca datat 29 ta’ Ottubru 2014 fejn espona: -

IIIi Orarin Falzon Sant Manduca twieldet fil-4 ta' Novembru 1978 f'Bangkok, Thailand.

IIIi fit-twelid taghha isem Orarin Falzon Sant Manduca kien Malin Kingchatchavarn kif jirrizulta minn dokument (certifikat ta' twelid u traduzzjoni) (Dok A).

Illi sussegwentement b' decizjoni tal-Local Registrar f’Thailand, Orarin Falzon Sant Manduca bidlet isimha minn Malin ghal Orarintr (Dok B).

IIIi sussegwentement b' decizjoni tal-Local Registrar f'Thailand, Orarin Falzon Sant Manduca bidlet kunjomha minn Kingchatchavarn ghal Eiamomornpan (Dok C).

IIIi fl-lngliterra fejn tghix l-istess Orarin Falzon Sant Manduca l-ahhar zewg ittri ta' isimha u cioe` "tr" ma jigux uzati u fil-fatt jisimha Orarin. Tant hu hekk li fic-certifikat ta' zwieg ta' Orarin Falzon Sant Manduca isimha giet registrata bhala "Orarin Eiamamornpan *otherwise* Orarintr Eiamamornpan". (DokD).

Illi Orarin Falzon Sant Manduca saret cittadina ta' Malta "by registration" fil-5 ta' Dicembru 2014 (Dok E).

Illi Orarin Falzon Sant Manduca applikat ghal passaport Malti izda l-ufficcju tal-Passaporti qed jinsisti li qabel ma johrog il-passaport irid ikun hemm dikjarazzjoni tal-Qorti dwar l-isem ta' Orarin Falzon Sant Manduca.

Ghalhekk l-esponent jitlob:

1. Li wara l-pubblikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li din l-Onorabbli Oorti tordna li fir-registrazzjoni Malta tat-twelid ta' Orarin Falzon Sant Manduca jigi notat li isimha kienet tbidlet ufficjalment f'Thailand u minn Malin Kingchatchavarn sar Onarintr Eiamamornpan u li issa jisimha Orarintr "otherwise" Orarin Falzon Sant Manduca u dan wara z-zwieg taghha.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 11 ta’ Frar 2014 (fol 16) fejn Dr. Byron Camilleri għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Direttur bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma:-

1 Illi fl-ewwel lok, l-esponent jirrileva illi din il-kawża kellha tiġi intavolata fil-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili u mhux fil-Qorti Ċivili tal-Familja, hekk kif ġie indikat fir-rikors in risposta;

2. Illi bla preġudizzju, huwa meħtieġ *in limine litis* li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi preliminarjament, mingħajr preġudizzju għal fuq espost, huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li huwa għandu jidher bħala l-mandatarju ta' 'Malin Kingchatchavarn *sive* Orarin Falzon Sant Manduca' u mhux bħala l-mandatarju ta' 'Orarin Falzon Sant Manduca' *stante* li l-isem 'Orarin Falzon Sant Manduca' ma jappartjenix lil persuna kkonċernata, cioè 'Malin Kingchatchavarn' skont kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tagħha li ġie rreġistrat hawn Malta bin-numru ta' iskrizzjoni tlett elef, erba' mija, tmienja u erbgħin (3448) tas-sena elfejn u ħmistax (2015), hawn anness u mmarkat bħala '*Dok DRP 1*';

4. Illi bla ħsara għas-suespost u in vena preliminari ukoll, ir-rikorrent għandu igib prova li huwa ġie nominat bħala l-mandatarju ta' 'Malin Kingchatchavarn *sive* Orarin Falzon Sant Manduca' billi jissottometti l-prokura relattiva;

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, r-rikorrenti għandhom jikjarifikaw taħt liema artikolu tal-liġi huma qiegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom ħalli b'hekk l-

esponent jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti jindikaw taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi huma qiegħdin jorbtu l-proċeduri istanti;

6. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jirrileva illi ċ-ċertifikat tat-twelid in kwistjoni, li jġib in-numru ta' iskrizzjoni tlett elef, erba' mija, tmienja u erbgħin (3448) tas-sena elfejn u ħmistax (2015) huwa sempliċiment reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku hawn Malta li jirrifletti d-dettalji taċ-ċertifikat tat-twelid barrani maħruġ mill-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni fid-distrett ta' Bangrak fit-Tajlandja. *[Kopja ta' dan iċ-ċertifikat oriġinali u traduzzjoni tiegħu huwa hawn anness u mmarkat bħala 'Dok DRP 2']* Illi din ir-reġistrazzjoni tat-twelid barrani kien seħħ fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta abbażi tad-dokumenti li r-rikorrenti stess kienu ssottomettew lir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, inkluż '*ir-request for registration*', hawn annessa u mmarkata bħala '*Dok DRP 3*', fejn jidher ċar illi r-rikorrenti indikaw li l-isem u il-kunjom li għandu jiġi rreġistrat huwa '*Malin Kingchatchavarn*' u mhux '*Orarin Falzon Sant Manduca*' kif ġie indikat fir-rikors in risposta;

7. Illi b'hekk, bla preġudizzju, l-esponent jirrileva illi jekk jirriżulta li jeħtieġ illi jsir xi korrezzjoni ta' żball minn fuq l-Att tat-Twelid fuq riferit, li jġib in-numru ta' iskrizzjoni tlett elef, erba' mija, tmienja u erbgħin (3448) tas-sena elfejn u

ħmistax (2015), dan żgur mhux b'nuqqas tal-esponent, *stante* li l-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku rreġistraw l-Att tat-twelid in kwistjoni, billi niżlu *ad verbatim* l-informazzjoni kif tinsab inserita fit-traduzzjoni tal-Att tat-Twelid maħruġ mill-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni fid-distrett ta' Bangrak fit-Tajlandja li kienu pprovdew ir-rikorrenti stess fil-punt tar-reġistrazzjoni. Illi għaldaqstant l-esponent m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-azzjoni odjerna, *stante* l-fatt li ma sar l-ebda żball li jista' jkun attribwit lill-esponent;

8. Illi inoltre, bla preġudizzju, fit-talbiet tiegħu r-rikorrent ma talabx sabiex din l-Onorabbli Qorti **tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija mitluba** mir-rikorrent fuq iċ-ċertifikat tat-twelid relattiv. L-esponent umilment jirrileva illi huwa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li huwa vestit bis-setgħa li jirreġistra jew isewwi Atti ta' l-Istatus Ċivili a tenur ta' l-**Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Għaldaqstant it-talbiet kif postulati mir-rikorrent ma jitlobu l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi għalhekk li t-talbiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward għandhom issiru b'mod li jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija rikjesta fuq iċ-ċertifikat tat-twelid relattiv;

9. Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-

Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

10. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 5 ta' Mejju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent u Dr Stephanie Borg ghall-intimat. Dr Manduca esebixxa nota b'certifikati originali u ghadda kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti. Dr Manduca rtira t-talba tieghu rigward il-kap tal-ispejjez f'din il-kawza, u ddikjara li ma fadallux provi ohra. Dr Stephanie Borg *in visto* tad-dikjarazzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi u rrimettiet ruhha, u ezentat lil Dr Manduca mill-htiega li jesebixxi l-original tal-parir tal-avukat esteru. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-3 ta' Novembru 2015 (fol 21), u b'hekk it-tieni eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

It-tielet eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni fl-okkju mitluba awtorizzata b'digriet tat-18 ta' Frar 2016. Jirrizulta li l-ewwel eccezzjoni giet irtirata *in vista* tar-rikors kif korrett (fol 42). Ghalhekk, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tielet eccezzjonijiet.

Illi giet esebita kopja tal-prokura ta' Dr. Philip Manduca biex jirraprezenta lir-rikorrenti (fol 44-45). Ghalhekk, ir-raba' eccezzjoni hija wkoll sorvolata.

Illi din hi registrazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li tiddisponi li:

"***244***.*(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx*

*att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba*."

Illi r-rikorrent qed jitlob li l-isem u l-kunjom tar-rikorrenti kif registrat fir-registrazzjoni tat-twelid ta' Malta, jigi korrett ghal "Orarin Falzon Sant Manduca."

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-Twelid, jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor b'lingwa li mhix wahda fost dawk ufficjali ta' pajjizna, bhal f'dan il-kaz, id-dettalji mnizzla fl-Atti f'Malta jittiehdu minn traduzzjoni mahruga minn dak il-pajjiz.

**Ir-rikorrenti xehdet** permezz ta' affidavit (fol 23) u qalet li hi twieldet fl-4 ta' Novembru 1978 fit-Tajlandja, u fis-26 ta' Dicembru 1985, l-genituri taghha bidlulha isimha minn Malin ghal Orarintr, peress li l-ahhar zewg ittri ma jinhassux, hi tispelli isimha bhala Orarin, kif jidher fil-passaport Ingliz taghha. Qalet ukoll, li fit-8 ta' Gunju 1990, l-genituri taghha bidlulha l-kunjom ukoll li minn "Kingchatchavarn", sar "Eiamamornpan." Spjegat li hi

baqghet maghrufa bhala Orarin Eiamamornpan, sa ma zzewget lil Philip Falzon Sant Manduca fit-2 ta' Frar 2007.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hi fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identitia` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Illi gie esebiet kopja originali tac-certifikat taghha mahrug f' Thailand li juri l-bdil ta' isimha ghal "Orarintr" (fol 52) u traduzzjoni ufficjali esebita a fol 53. Illi gie esebit ukoll ic-certifikat originali mahrug f' Thailand (fol 55) fejn kunjomha tbiddel minn "Kingchatchavarn" ghal "Eiamamornpan.", hekk kif jidher mit-traduzzjoni ufficjali esebita a fol 56. *Di piu`*, giet esebita ittra minn avukat f' Thailand (fol 47), li kkonferma li ra c-certifikati fejn sar tibdil ta' isem u kunjom ir-rikorrenti, u kkonferma wkoll li dawn id-dokumenti huma tradotti mill-ambaxxata fit-Tajlandja. Spjega li skont il-ligi ta' hemmhekk, hu legali li tbiddel l-isem jew il-kunjom b'dan il-mod. Jirrizulta wkoll, li sa miz-zwieg taghha ma' Philip Christopher Falzon Sant Manduca fit-2 ta' Frar 2007, r-rikorrenti kienet konsistentement maghrufa bhala "Orarin Falzon Sant Manduca." Ic-certifikat taz-zwieg hu esebit a fol 5 u a fol 25. Jigi osservat li hija ffirmat bhala O.F.S. Manduca fuq il-Karta ta' l-identita` taghha fl-Ingilterra. (fol 26).

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi din il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti u hi sodisfatta li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li hija maghrufa bhala "Orarin" u mhux "Orarintr" u bil-kunjom ta' zewgha cioe`

"Falzon Sant Manduca", u ghalhekk, it-talba taghha hija gustifikata kif trid il-ligi.

Ikkonsidrat li l-ligi taghna tippermetti lill-persuna li jbiddel l-isem (*prenom)* sabiex jirrifletti dak li qed juza konsistentement. Fil-kaz odjern, ghalhekk, it-talba, in kwantu indirizzata ghall-isem "Orarin" flok "Orarintr" hija konformi mal-artikolu 253(2) tal-Kap.16. Ghal dak li jirrigwarda t-tibdil fil-kunjom, l-artikolu 244 tal-Kap 16 fuq citat jippermetti tibdil fic-cirkostanzi li huma hemm stabbiliti. Din il-Qorti gja ikkostatat li t-talba odjerna dwar it-tibdil li sehh fit-Tajlandja, skont il-ligi tal-pajjiz, hija konformi mad-dettami tal-artikolu 244 tal-Kap.16. Kwantu ghal kunjom "Falzon Sant Manduca" anke dan hu konformi mal-ligijiet taghna billi r-rikorrenti hadet kunjom zewgha.

Fid-dawl tal-premess, ser tilqa' t-talba ghad-debita korrezzjoni. Izda, taqbel ma' l-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid f'Malta. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez tal-kawza. *In vista* tas-suespost, is-sitta u s-seba' eccezzjoni huma wkoll sorvolati.

Illi l-intimat eccepixxa wkoll li ma saritx talba sabiex din il-Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija miluba fir-registrazzjoni tal-att tat-twelid relattiv.

Illi l-Qorti ghandha l-obbligu li tevita fejn hu possibli, l-proliferazzjoni ta' kawzi u spejjez bla bzonn ghall-partijiet. Huwa car mill-artikolu 253 *et sequitur*, li l-Qorti ghandha

tordna li ssir il-korrezzjoni mitluba fejn din tirrizulta gustifikata skont il-ligi.

Ikkonsidrat li l-ommissjoni ta’ talba *ad hoc* sabiex l-ordni ssir lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ggibx in-nullita` jew l-irritwalita` tal-att, u fid-dawl tal-gurisprudenza aktar recenti, l-Qorti ghandha fejn tista’ ssewwi zbalji f’atti gudizzjarji jew timxi per ekwipollenza.

Hi evidenti li l-Qorti meta’ tilqa’ t-talba, ghandha tipprocedi biex taghti ordni lill-intimat jaghmel il-korrezzjoni mehtiega. B’hekk din l-eccezzjoni hija wkoll indirizzata u sorvolata.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, tilqa’ t-talba tar-rikorrent billi tordna lill-Intimat sabiex jaghmel l-annotazzjonijiet mehtiega fl-Att ta' twelid ta' Orarin Falzon Sant Manduca f'Malta sabiex jirriflettu li isimha u kunjomha kienu tbiddlu ufficjalment fit-Tajlandja minn Malin Kingchatchavarn ghal Orarintr Eiamamornpan, u llum kunjomha huwa "Falzon Sant Manduca" wara z-zwieg taghha ma’ Philip Falzon Sant Manduca fit-2 ta’ Frar 2007. Ghal dak li jirrigwarda l-isem "Orarintr" ghandu jigi annotat ukoll li hija maghrufa konsistentement bl-isem "Orarin" minnflok "Orarintr."

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti skont l-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Gunju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju 2016**